Il-Ġurnal Uffiċjali
tal-Unjoni Ewropea

MT
Is-serje L

2026/1371

24.6.2026

REGOLAMENT TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) 2026/1371

tat-22 ta' Ġunju 2026

li jikkoreġi r-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2026/831 li jimponi dazju anti-dumping definittiv fuq l-importazzjonijiet ta' ċerti prodotti tal-fibra tal-ħġieġ bil-filament kontinwu (GFR, glass fibre reinforcements) li joriġinaw mill-Bahrain, mill-Eġittu u mit-Tajlandja

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (UE) 2016/1036 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-8 ta' Ġunju 2016 dwar il-protezzjoni kontra l-importazzjonijiet li huma l-oġġett ta' dumping minn pajjiżi mhux membri tal-Unjoni Ewropea ([1]), u b'mod partikulari l-Artikolu 9 u l-Artikolu 14(1) tiegħu,

Billi:

(1) Bir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2026/831 ([2]), il-Kummissjoni imponiet dazju anti-dumping definittiv fuq l-importazzjonijiet ta' ċerti prodotti tal-fibra tal-ħġieġ bil-filament kontinwu (GFR, glass fibre reinforcements) li joriġinaw mill-Bahrain, mill-Eġittu u mit-Tajlandja

(2) Bir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2020/870 ([3]), il-Kummissjoni imponiet dazju koumpensatorju definittiv fuq l-importazzjonijiet ta' prodotti tal-fibra tal-ħġieġ bil-filament kontinwu li joriġinaw mill-Eġittu.

(3) Meta kienu qed jimplimentaw ir-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2026/831, l-awtoritajiet doganali nazzjonali osservaw li d-deskrizzjoni tal-prodott stabbilita fl-Artikolu 1 tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2026/831 ma kinitx tirrifletti bis-sħiħ il-kamp ta' applikazzjoni tal-prodott kif definit fl-investigazzjoni u deskritt fil-premessa (49) ta' dak ir-Regolament. Dan kien dovut għal żball ta' abbozzar fil-parti operattiva tar-Regolament. Għalhekk, jenħtieġ li d-deskrizzjoni tal-prodott fl-Artikolu 1 tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2026/831 tiġi kkoreġuta biex tkun allinjata mal-kamp ta' applikazzjoni tal-investigazzjoni, kif stabbilit fil-premessa (49) ta' dak ir-Regolament.

(4) Fid-dawl ta' dan ta' hawn fuq, il-Kummissjoni ddeċidiet li tikkoreġi d-deskrizzjoni tal-prodott stabbilita fl-Artikolu 1 tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2026/831.

(5) L-awtoritajiet doganali nazzjonali osservaw ukoll li l-kodiċijiet addizzjonali TARIC assenjati fir-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2026/831 lill-importazzjonijiet ta' prodotti tal-fibra tal-ħġieġ bil-filament kontinwu li joriġinaw mill-Eġittu, kemm għall-uniku produttur esportatur speċifiku kif ukoll għall-importazzjonijiet l-oħrajn kollha, ma jikkorrispondux mal-kodiċijiet addizzjonali TARIC assenjati lill-istess produttur esportatur u lill-importazzjonijiet l-oħrajn kollha tal-istess prodott fir-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2020/870.

(6) Fid-dawl ta' dan ta' hawn fuq, il-Kummissjoni ddeċidiet li tikkoreġi l-kodiċijiet addizzjonali TARIC fl-Artikolu 1 tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2026/831 sabiex tallinjahom ma' dawk stabbiliti fir-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2020/870 u biex tiżgura l-implimentazzjoni xierqa tal-miżuri.

(7) Il-korrezzjonijiet jenħtieġ li jidħlu fis-seħħ mid-data tad-dħul fis-seħħ tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2026/831.

(8) Il-miżuri previsti f'dan ir-Regolament huma f'konformità mal-opinjoni tal-Kumitat stabbilit bl-Artikolu 15(1) tar-Regolament (UE) 2016/1036,

([1]) ĠU L 176, 30.6.2016, p. 21, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2016/1036/oj.

([2]) Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2026/831 tal-14 ta' April 2026 li jimponi dazju anti-dumping definittiv fuq l-importazzjonijiet ta' ċerti prodotti tal-fibra tal-ħġieġ bil-filament kontinwu (GFR, glass fibre reinforcements) li joriġinaw mill-Bahrain, mill-Eġittu u mit-Tajlandja (ĠU L, 2026/831, 15.4.2026, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg_impl/2026/831/oj).

([3]) Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2020/870 tal-24 ta' Ġunju 2020 li jimponi dazju kumpensatorju definittiv u jiġbor b'mod definittiv id-dazju kumpensatorju provviżorju impost fuq l-importazzjonijiet ta' prodotti tal-fibra tal-ħġieġ bil-filament kontinwu li joriġinaw mill-Eġittu, u li jimponi dazju kumpensatorju definittiv fuq l-importazzjonijiet irreġistrati ta' prodotti tal-fibra tal-ħġieġ bil-filament kontinwu li joriġinaw mill-Eġittu (ĠU L 201, 25.6.2020, p. 10, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg_impl/2020/870/oj).

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

Fir-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2026/831, l-Artikolu 1 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"*Artikolu 1*

Dazju anti-dumping definittiv huwa impost fuq l-importazzjonijiet ta' trofof imqattgħin tal-fibra tal-ħġieġ, mhux itwal minn 50 mm; rovings tal-fibra tal-ħġieġ, għajr rovings tal-fibra tal-ħġieġ li huma imprenjati u miksijin u li għandhom telf mit-tqabbid bin-nar ta' aktar minn 3 % (kif determinat mill-Istandard tal-ISO 1887); u mats magħmula minn filamenti tal-fibra tal-ħġieġ għajr mats tas-suf tal-ħġieġ li bħalissa jaqgħu taħt il-kodiċijiet NM 7019 11 00, ex 7019 12 00 (kodiċijiet TARIC 7019 12 00 22, 7019 12 00 25, 7019 12 00 26, 7019 12 00 39), 7019 14 00 u 7019 15 00 u li joriġinaw mill-Bahrain, mill-Eġittu u mit-Tajlandja.

Ir-rati tad-dazju anti-dumping definittiv applikabbli għall-prezz nett, ħieles fil-fruntiera tal-Unjoni, qabel id-dazju, tal-prodott deskritt fil-paragrafu 1 u prodott mill-kumpaniji elenkati hawn taħt għandhom ikunu kif ġejjin:

Pajjiż ta' oriġini	Kumpanija	Dazju anti-dumping definittiv	Kodiċi addizzjonali TARIC
Il-Bahrain	CPIC Abahsain Fiberglass W.L.L.	11,8 %	89XI
	L-importazzjonijiet l-oħrajn kollha li joriġinaw mill-Bahrain	11,8 %	8999
L-Eġittu	Jushi Egypt for Fiberglass Industry S.A.E.	11,0 %	C540
	L-importazzjonijiet l-oħrajn kollha li joriġinaw mill-Eġittu	11,0 %	C999
It-Tajlandja	Asia Composite Materials (it-Tajlandja) Co., Ltd.	25,4 %	89XJ
	Wanda New Material (it-Tajlandja) Co., Ltd.	15,3 %	89XK
	L-importazzjonijiet l-oħrajn kollha li joriġinaw mit-Tajlandja	25,4 %	8999"

Artikolu 2

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fil-jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Għandu japplika mill-15 ta' April 2026.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, it-22 ta' Ġunju 2026.

Għall-Kummissjoni
Il-President
Ursula VON DER LEYEN